# ĦAL LUQA

# TUL IS-SEKLU DSATAX

## DJARJU STORIKU

**1800**

Ċedew it-truppi Franċiżi f'Malta u b'hekk Malta saret kolonja Ingliża. Ħal Luqa kien għadu milqut mill-miżerja li ħarbtet il-kampanja tul l-irvell.

**1801**

Il-Kummissarju Ingliż C. Cameron nieda sistema amministrattiva ġdida li kienet tinkludi l-ħatra ta' logotenenti tal-Gvern f'kull belt u raħal. L-ewwel logotenent tal-Gvern f'Ħal Luqa kien Ġużeppi Casha li baqa' f'din il-kariga erbatax-il sena sħaħ.

**1803**

Is-saċerdot Belti, Dun Ġużepp Sultana beda l-parrokkat tiegħu f'Ħal Luqa, l-itwal wieħed fl-istorja tal-parroċċa - sewwa sew 44 sena.

**1805**

Saret it-tnax u l-aħħar vista pastorali fir-raħal mill-Isqof Labini. Daħħal it-tagħlim reliġjuż għall-adulti kull nhar ta' Ħadd.

**1807**

Fir-raħal kien baqa' biss 836 ruħ - l-iżgħar popolazzjoni li qatt kellu mill-1630.

**1809-14**

Ġew joqogħdu r-raħal xi familji Taljani li kienu tħajru jiġu f'artna minħabba prospetti tajba fil-kummerċ. Madanakolu, ħafna minnhom, eventwalment, dabbru rashom lura.

**1813-14**

Fil-gżejjer Maltin dehret il-pesta. Fuq ordni ta' l-Isqof Mattei, il-knejjes lokali, magħhom dik ta' Ħal Luqa ngħalqu għall-pubbliku

minħabba raġunijiet ta' sigurtà. Fir-raħal tilfu ħajjithom 67 ruħ. Il-mejtin indifnu fiċ-ċimiterju ta' Triq il-Gudja u fil-knisja ta' Santa Marija tal-Ftajjar.

**1815**

Malta tqassmet f'sitt distretti. Ħal Luqa missu jagħmel parti mid-distrett taż-Żejtun, flimkien ma' Ħaż-Żabbar, Ħal Tarxien, ir-Raħal il-Ġdid, Ħal Għaxaq u l-Gudja. Il-logotenent tad-distrett kien il-Baruni Baskal Sciberras filwaqt li d-deputat logotenent fir-raħal kien Lawrenz Casha.

**1830**

Malta milquta minn epidemija tal-ġidri. F'Ħal Luqa mietu sittax-il ruħ iżda ħafna oħrajn li salvaw mill-marda baqgħu jbatu minn xi mankament fiżiku.

**1834-41**

Inħadem l-altar maġġur tal-knisja parrokkjali mid-ditta ta' l-aħwa Darmanin.

**1837**

Din id-darba, gżiritna ntlaqtet mill-marda tal-kolera. Fir-raħal tilfu ħajjithom dsatax-il persuna, li ħafna minnhom ndifnu f'Tal-Ftajjar.

**1837-46**

F'dan il-perjodu għamlet nixfa kbira li mhux biss ħalliet ħsarat kbar fir-raba' iżda faqqret ħafna familji u kattret l-għaks li kien ġab miegħu l-mard.

**1839**

Reġa' kien hemm taqlib fl-amministrazzjoni distrettwali. Malta issa tqasmet f'seba' distretti. Ħal Luqa sar jagħmel mill-Ħames Distrett li kien iħaddan ukoll lil Ħal Qormi, Ħal Tarxien u r-Raħal il-Ġdid. Kull distrett kien taħt it-tmexxija ta' sindku li kellu jagħmilha ta' maġistrat kif ukoll ta' kap tal-pulizija. L-ewwel sindku ta' dan id-distrett kien l-avukat Luigi Chapelle.

**1842**

Tlestiet u tbierket il-knisja l-ġdida tal-Karmnu f'tarf ir-raħal. L-ispejjeż tħallsu minn Ġużeppi Portelli, Ħalluqi li kien joqgħod il-Belt

(Din il-knisja kellha titwaqqa' fl-1942 minħabba t-tkabbir ta' l-ajrudrom.)

**1847**

Ġie joqgħod ir-raħal il-mekkaniku u arluġġar famuż Mikelanġ Sapiano, imwieled l-Imqabba. B'kollox ħadem mal-21 arloġġ kbir għall-knejjes u mkejjen oħra. (Ta' Ħal Luqa lestieh fl-1881).

**1849**

Il-Kuruna Ingliża tat kostituzzjoni lil Malta. B'hekk saret l-ewwel elezzjoni f'pajjiżna biex jingħażlu r-rappreżentanti tal-Kunsill Governattiv. F'Ħal Luqa li kien jagħmel parti mal-Ħames Distrett tal-kampanja, kienu eliġibbli għall-vot sittax-il persuna biss – qassisin, professjonisti u nies ta' ċertu ġid u proprjetà.

Fl-istess sena, infetħet l-Ispiżerija tal-Gvern u l-ewwel spiżjar - tabib għal Ħal Luqa kien it-tabib Salvu Bezzina.

**1850**

Għat-tieni darba tul dan is-seklu, tfaċċat il-marda tal-kolera. Din id-darba, fir-raħal ħalliet warajha tlettax-il vittma.

**1851**

Skond iċ-ċensiment li sar f'din is-sena, mit-385 familja li kien hawn ir-raħal, nofshom kienu magħduda bħala foqra. Dan jixhed il-miżerja li kien għad fadal f'Ħal Luqa f'dan iż-żmien.

**1852**

Saret it-tieni elezzjoni ġenerali. Din id-darba kien hemm ħmistax-il Ħalluqi li kellhom il-vot.

**1854**

Bi flus il-poplu, saret it-tapizzerija tal-pilastri maġġuri. Din iżżanżnet appuntu fil-festa ta' Sant'Andrija.

**1856**

Fetħet l-iskola tal-Gvern fir-raħal. L-ewwel kapijiet tagħha kienu Ġużeppi Farrugia u Marjanna Farrugia. Bejn subien u bniet kien hemm miktubin 116-il student, li minnhom madwar 95 kienu jattendu fuq bażi regolari.

Fl-istess sena, twieled il-perit Ħalluqi Indri Vassallo. Il-ġenju arkitettoniku tiegħu jibqa' marbut mal-bini tal-knisja ta' Pinu f'Għawdex.

**1861**

Kemm minħabba l-Gwerra tal-Krimea kif ukoll minħabba l-Gwerra Ċivili Amerikana, Malta gawdiet perjodu ta' prosperità. Dan il-ġid jidher li ħalla l-marka tiegħu anke f'Ħal Luqa hekk li f'din is-sena, il-popolazzjoni tar-raħal telgħet għal 1592 ruħ. Kien għad fadal ħafna nies li kienu jaħdmu r-raba' jew jaqilgħu x'jieklu mix-xogħol tal-qoton.

**1865-66**

Reġgħet dehret il-marda tal-kolera. Jidher li fl-istess żmien xi mxija oħra laqtet it-tfal tar-raħal. Ma nafux eżatt kemm nies tilfu ħajjithom minhabba l-kolera, iżda fir-Reġistru tal-mejtin ta' bejn Ġunju 1865 u Frar 1866 jidher l-isem ta' 47 ruh li mietu minn mard infettiv.

Fl-istess sena, Ħal Luqa ntuża għall-ewwel darba bħala lok għall-votazzjoni. Din id-darba vvutaw 20 Ħalluqi.

**1867-68**

Skond rapporti uffiċċjali li saru f'daż-żmien, fir-raħal kien hawn għaks kbir. Mhux biss kien hemm nuqqas drastiku ta' xogħol iżda ħafna familji lanqas biss kellhom għaxja ta' lejla.

**1869**

Infetaħ il-kanal ta' Suez li sewa mhux ftit biex ikattar l-importanza tat-tarzna u l-port ta' Malta. Xi ħaddiema Ħalluqin sabu xogħol fil-bini ta' żewġ baċiri ġodda.

**1871**

Il-popolazzjoni tar-raħal issa telgħet għal ftit aktar minn 1700, żieda sostanzjali li tixhed it-titjib ġenerali fil-livell ta' l-għejxien.

**1875**

Fl-Alġerija miet Patri Indri Schembri, is-sċerdot Ħalluqi li baqa' magħruf għall-għanja tal-Milied "Ninni La Tibkix Iżjed".

**1877-84**

Matul il-parrokat ta' Dun Ġużepp Ruggier Trapani saret l-istatwa tal-Kunċizzjoni tal-pjazza (minn mastru Anton Busuttil fl-1879), twaqqfet il-Kongregazzjoni tat-Terz Ordni Franġiskan (1882) u bdiet issir iċ-ċelebrazzjoni solenni tal-Milied bil-lejl (1883).

**1883**

Għall-ewwel darba fl-istorja, in-numru ta' Ħalluqin eliġibbli għall-vot kien wieħed konsiderevoli, sewwa sew 82. Dan seħħ minhabba reviżjoni tal-kundizzjonijiet meħtieġa biex wieħed seta' jivvota.

**1884**

Iż-żewġ baned tal-parroċċa ħadu sehem għall-ewwel darba fil-festa ta' Sant'Andrija. Iż-żewġ soċjetajiet kienu fetħu l-każini tagħhom ftit snin qabel. L-ewwel lokal tal-Banda Unjoni kien fi Triq San Pawl filwaqt li l-ewwel lokal tal-banda Sant'Andrija kien fi Triq il-Karmnu.

**1887**

Għar-raba' darba tul is-seklu dsatax, epidemija tal-kolera laqtet lil gżiritna. F'Ħal Luqa, li dak iż-żmien kien jgħodd 1914-il ruh, mietu erbatax-il persuna. Il-marda ħalliet warajha faqar kbir hekk li anke wara li ntemmet, ħafna familji fil-bżonn baqgħu jirċievu ikel b'xejn.

**1889**

Twaħħal l-ewwel dawl fit-toroq tar-raħal. B'kollox tqiegħdu disa' fanali bil-lampi tal-pitrolju.

**1890**

Twasslu fir-raħal l-ewwel kanen ta' l-ilma. Il-provista kienet ġejja mill-Fawwara u tqiegħdu b'kolox erba' pompi ta' l-ilma.

**1892**

Beda t-tqassim tal-posta bieb bieb. Ftit xhur qabel kienu bdew jinbiegħu l-bolli mill-għassa tal-pulizija.

**1899**

Bl-inizjattiva ta' Ġużeppi Ciappara, il-knisja ta' San Ġakbu reġgħet bdiet tinbena. Din tlestiet fl-1901.

*Tagħrif kompilat minn **Mario Cassar** u msejjes fuq materjal li deher oriġinarjament fil-ktieb ta' Dun Ġużepp Micallef, Ħal Luqa: Niesha u Ġrajjietha (1975)*